MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Talba Numru. 1581/2010

**Wagner Marie-Paule**

**ID37224-(A)**

**vs**

**Farrugia Carlo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat illi hi hadmet ghall-konvenut f'zewg konferenzi; l-ewwel wahda fil-hamsa u ghoxrin-(25) u sitta u ghoxrin-(26) ta' Settembru elfejn u disgha (2009). Fir-rigward tal-ewwel konferenza hija ghandha tithallas ta' jumejn xoghol, bi tlett mija u sebghin ewro (€370)-il gurnata, ghal total ta' seba' mija u erbghin ewro (€740), vide dokument anness u mmarkat Dok.'A'. Fir-rigward tat-tieni konferenza, hija hadmet gurnata shiha, fejn ghamlet ix-xoghol ta' zewg-(2) interpreti. L-

uzanza tax-xoghol hi li zewg interpreti dejjem jahdmu flimkien u jithallsu ta' xogholhom, meta tahdem wahda biss tithallas ta' tnejn. Hawn l-attrici hadmet wehidha, bir-rata miftehma ta' tlett mija u tmenin ewro (€380)-il gurnata, u ghalhekk billi hadmet wehidha, ghandha tiehu s-somma ta' seba' mija u sittin ewro (€760), vide dokument anness u mmarkat Dok.'B'.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali 166A.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi l-eccipjenti qieghed jopponi ghat-talba attrici stante li t-talba taghha hija esagerata u ghalhekk mhux kollha dovuta, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Jinghad illi l-eccipjenti kien anke ghadda cheque fl-ammont ta' elf u mitt ewro (€1,100) lill-attrici, liema cheque ma giex accettat minnha, u dana minkejja li dak il-hlas kien diga' jezorbita dak li kien effettivament dovut lill-attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu l-kawza giet differita *sine die*; ra r-rikors tal-attrici, datat 29 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu talbet ir-riappuntament tal-kawza; ra d-digriet tieghu tat-30 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu giet milqugha t-talba, u l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghall-20 ta' Jannar, 2012.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu, 2012, fejn il-kawza giet mill-gdid differita *sine die*; ra r-rikors tal-attrici, datat 22 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu talbet ir-riappuntament tal-kawza; ra d-digriet tieghu datat 28 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu giet milqugha t-talba u l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghat-28 ta' Marzu, 2012.

Ra r-rikors tal-attrici datat 20 ta' Settembru, 2013, li permezz tieghu talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, bil-ghan illi l-istess attrici jkollha l-opportunita' illi tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet; ra d-digriet tieghu datat 23 ta' Settembru, 2013, li permezz tieghu pprefigga terminu ta' tliet gimghat li fih ghandha tigi pprezentata n-nota ta' sottomissjonijiet relattiva; ra illi l-attrici naqset milli tipprezenta n-nota msemmija fiz-zmien moghti lilha.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici ddikjarat illi hi taghmel xoghol ta' interpretu, u taghmel xoghol kemm *freelance* kif ukoll fuq inkarigu ta' entitajiet jew socjetajiet kummercjali. Iddikjarat illi ilha taghmel xoghol ta' interpretu hawn Malta mill-2005, u li r-relazzjoni kummercjali taghha mal-konvenut ilha fis-sehh mill-2006 jew 2007.

Illi b'referenza ghall-azzjoni odjerna ddikjarat illi t-talba taghha hija bbazata fuq zewg fatturi, wahda datata 30 ta' Settembru, 2009 u ohra datata 20 ta' Ottubru, 2009 (a fol. 3 u 2 rispettivament). Illi in kwantu jirrigwarda l-fattura relattiva ghall-konferenza li sehhet fuq jumejn, aktar precizament fil-25 u 26 ta' Settembru, 2009, iddikjarat illi ma jidhirx illi kien hemm ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenut dwarha, ghalkemm il-partijiet kienu qablu li l-ammont dovut kien effettivament seba' mija u erbghin ewro (€740) u mhux seba' mija u sittin ewro (€760) kif jidher minn din il-fattura. Gara, pero', illi l-hlas ghal din il-konferenza, gie mwettaq mill-konvenut permezz ta' cheque datat 27 ta' Frar, 2010, liema cheque nhareg ghall-ammont ta' elf mija u ghaxar ewro (€1,110), ghaliex fih kien hemm inkluz l-ammont ta' tliet mija u sebghin ewro (€370), u liema ammont huwa nofs il-valur tal-fattura datata 20 ta' Ottubru, 2009.

Illi n-nuqqas ta' qbil bejn l-attrici u l-konvenut kien precizament in rigward din il-fattura tal-20 ta' Ottubru, 2009, liema fattura nharget mill-attrici in rigward konferenza ta' gurnata li saret fil-5 ta' Ottubru, 2010. Illi l-attrici kienet qed tippretendi hlas doppju ghal din il-konferenza ghaliex il-prassi u l-linji gwida li jirregolaw ix-xoghol ta' interpretu jirrikjedu illi jkun hemm minn tal-inqas zewg interpreti sabiex jaghmlu traduzzjoni ghall-istess lingwa, u dan minhabba l-intensita' tax-xoghol li jirrikjedi koncentrazzjoni assoluta waqt it-twettiq ta' dan ix-xoghol, u ghalhekk iz-zewg interpreti jkunu jistghu jassistu lil xulxin. Illi f'dan il-kaz partikolari, u cioe' f'din il-konferenza partikolari, l-attrici kienet wahedha, u ghalhekk ma kellhix l-assistenza ta' interpretu iehor, u ghalhekk wettqet ix-xoghol ta' zewg interpreti, u ghalhekk talbet hlas doppju ghax-xoghol imwettaq minnha.

Illi peress illi l-hlas imsemmi kien ikopri dawn iz-zewg fatturi, u l-attrici ma kinitx qed taqbel mal-ammont tal-hlas – ghaliex l-ammont dovut kien ta' elf u hames mitt ewro (€1,500), u rceviet hlas fl-ammont ta' elf, mija u ghaxar ewro (€1,110) – allura ma accettatx dan il-hlas, u effettivament ic-cheque ntbaghat lura.

Illi l-konvenut, da parti tieghu jikkontendi illi l-ammont mitlub mill-attrici ghall-konferenza li nzammet fil-5 ta' Ottubru, 2010 mhux gustifikat, in kwantu l-ammont dovut huwa nofs l-ammont rizultanti minn din il-fattura. Illi l-istess konvenut iddikjara illi huwa minnu li l-attrici attendiet wahedha ghal din il-konferenza, u li ghalhekk ma kinitx assistita minn interpretu iehor; madanakollu, iddikjara wkoll illi effettivament f'dik il-konferenza, minn gurnata ta' tmien-(8) sieghat xoghol, l-attrici hadmet biss ftit sieghat, ta' madwar saghtejn u nofs, ghaliex is-servizzi taghha ta' traduzzjoni mil-lingwa Ingliza ghal dik Franciza, jew vice versa, ma kienux mehtiega. Illi minkejja f'dan, kien dispost illi jwettaq hlas lill-attrici ghal tmien-(8) sieghat xoghol, minkejja li ma hadmitx dawk is-sieghat kollha, izda mhux kif kienet qed titlob l-attrici, u cioe' ammont doppju. Illi oltre dan, iddikjara wkoll illi l-hlas li rcieva minghand il-klijent li nkariga s-servizzi tieghu, kien ghal interpretu wiehed, u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jwettaq hlas doppju.

Illi l-konvenut iddikjara wkoll illi eventwalment ir-relazzjoni ta' xoghol bejn il-partijiet intemmet, ghaliex kien inkariga lill-istess attrici sabiex tattendi ghall-konferenza fejn kienu mehtiega s-servizzi taghha, izda din naqset milli tattendi minghajr ma tat ebda raguni valida. Illi wara kellu jsir jaf illi kienet qed tippresta s-servizzi taghha f'konferenza ohra illi kienet qed tinzamm hawn Malta fl-istess zmien. Illi l-konvenut iddikjara illi l-ammont dovut lill-attrici huwa ta' elf mija u ghaxar ewro (€1,110), u fil-fatt wettaq il-hlas ta' dan l-ammont, izda l-attrici rrifjutat tali pagament. Illi l-istess konvenut kien, u ghadu, dispost illi jhallas dan l-ammont lill-attrici.

Ikkunsidra,

Illi permezz tal-azzjoni odjerna, l-attrici qed titlob hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500), u dan ghal servizzi ta' interpretu li pprestat l-attrici, fuq inkarigu tal-konvenut. Illi dwar dan l-ammont, is-somma ta' elf, mija u ghaxar ewro (€1,110) m'humiex ikkontestati mill-konvenut, li kkonferma li l-attrici hadmet iz-zewg konferenzi msemmija u rizultanti mill-fatturi li jinsabu a fol.2 u 3 tal-atti; madanakollu, il-kontestazzjoni tal-konvenut hija dwar il-fattura a fol 2 tal-atti, li l-konvenut isostni huwa dovut biss in-nofs tal-ammont hemm indikat.

Illi l-attrici tikkontendi illi l-prassi f'dan il-qasam tirrikjedi illi x-xoghol ta' interpretu jigi mwettaq minn zewg persuni, u dan sabiex jipprovdu sostenn lil xulxin, oltre li jkunu

jistgħu jissostitwixxu ruħhom għal xulxin f'kaz ta' xi emergenza li twassal sabiex wieħed, jew waħda minnhom, jallontana ruħu / ruħha mill-konferenza. Illi f'dan ir-rigward, l-attrici pprezentat u għamlet referenza għal serje ta' regolamenti, magħrufa bħala AIIC Professional Standards (a fol.49 *et seq.* tal-atti), li jindikaw il-prassi u linja gwida għall-operat u l-mod kif jigu pprestati dawn is-servizzi ta' interpretu. Illi minn qari ta' dawn il-linji gwida jirrizulta illi dawn huma relattivament diskrezzjonali, u mhux tassattivi, u jipprovdu illi kull kaz għandu jigi regolat skont l-ezigenzi u cirkostanzi partikolari tiegħu. Illi f'dak li jirrigwarda l-konferenza li għaliha l-attrici qed titlob ħlas doppju, il-konvenut iddikjara illi s-servizzi ta' interpretu tal-attrici kienu meħtiega għal ħin qasir, u mhux għad-durata kollha tal-konferenza; illi minkejja f'dan, hi kienet ser titħallas tal-ħin kollu miftiehem, minkejja l-fatt illi ħadmet biss proporzjon qasir tal-ħin hekk miftiehem.

Illi għalhekk, u fic-cirkostanzi partikolari applikabbli għal dik il-konferenza, it-talba tal-attrici għall-ħlas doppju tar-rata spettanti lilha, ma tistax titqies bħala waħda gustifikata, u dan ukoll in bazi tal-fatt illi ma ntlaħaq ebda ftehim bejn il-partijiet f'dan ir-rigward; illi għalhekk l-attrici ma tistax arbitrarjament tiddeciedi illi għandha tircievi ħlas doppju għaliex naqset milli tattendi interpretu oħra għall-istess konferenza, partikolarment ladarba ma giex kontradett mill-istess attrici dak li gie dikjarat mill-konvenut, illi f'dik il-konferenza partikolari, is-servizzi tagħha kienu meħtiega għal ħin qasir ħafna, izda xorta kienet qed titħallas għall-ħin kollu miftiehem għal din il-konferenza, u cioe' għal tmien-(8) sigħat.

Illi dwar il-fattura datata 30 ta' Settembru, 2009, il-partijiet qablu illi l-ammont dovut huwa ta' seba' mijau erbgħin ewro (€740), u li għalhekk dan l-ammont għandu jigi mizjud mal-ammont imsemmi ta' tliet mija u sebgħin ewro (€370). It-Tribunal jinnota illi għalkemm il-konvenut wettaq il-ħlas fl-ammont ta' elf, mija u għaxar ewro (€1,110) u dan permezz ta' cheque li jinsab esebit a fol.69 tal-atti, meta l-attrici bagħtet dan ic-cheque lura lill-konvenut, dan tal-aħħar naqas milli jiddepozitah taħt l-Awtorita' tal-Qorti, u b'hekk kien ikun qed jezonera ruħu mill-obbligu tal-ħlas. Illi ma giet ipprezentata ebda cedola ta' depozitu in rigward u lanqas ma sar ebda accenn għal tali cedola. Illi għalhekk, u f'dan ir-rigward, it-Tribunal huwa tal-fehma illi kien jispetta ħlas ta' imgħax fuq l-ammont imsemmi li ma kienx in kontestazzjoni; madanakollu, ma saret ebda talba in rigward fl-Avviz tat-Talba, u għalhekk u minħabba din ir-raguni, t-Tribunal mhux ser jordna il-ħlas ta' ebda imgħax fuq l-ammont imsemmi.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut li t-talba tal-attrici hija esagerata, jilqa' *in parte* t-talba tal-attrici, u jordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf, mija u ghaxar ewro (€1,110).

L-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------